KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fis-16 ta' Frar 2023 [1]

Kawża C-567/21

BNP Paribas SA
vs
TR

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (KE) Nru 44/2001 – Artikoli 33 u 36 – Rikonoxximent ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji – Rikonoxximent inċidentali – Regola nazzjonali ta' konċentrazzjoni tat-talbiet – Awtorità ta' *res judicata* – Eċċezzjoni ta' *res judicata* – Kunċetti ta' 'kawża' u ta' 'suġġett'"

I. Introduzzjoni

1. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita mill-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) b'talba għal deċiżjoni preliminari li tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 [2].

2. It-tliet domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju jagħtu l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipprovdi preċiżazzjonijiet fuq il-limiti tal-awtorità ta' *res judicata* marbuta ma' deċiżjoni mogħtija fl-ewwel Stat Membru li r-rikonoxximent tagħha ġie mitlub b'mod inċidentali biex iservi ta' kontestazzjoni għal rikors ġdid ippreżentat fit-tieni Stat Membru. B'mod iktar partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, f'tali kuntest immarkata b'riflessjoni dottrinali rikka [3], mitluba tiddefinixxi l-partijiet rispettivament assenjati lid-dritt tal-Unjoni u lid-dritt nazzjonali għad-determinazzjoni tal-perimetru tal-awtorità ta' *res judicata* minn qorti tal-Istat Membru tal-oriġini [4].

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 4, p. 42).

[3] Ara, b'mod partikolari, Turmo, A., *L'autorité de la chose jugée en droit de l'Union européenne*, Bruylant, Brussell; 2017, Kessedjian, C., "L'autorité de la chose jugée et l'effectivité du droit européen", *ERA Forum*, Nru 11, 2010, p. 263 *et seq*; Menétrey, S., u Cuniberti, G., "Saisie conservatoire en France sur des biens gelés par une injonction *Mareva* chypriote: le (faible) jeu de l'autorité de chose jugée", *Revue critique de droit international privé*, 2019, p. 215 *et seq*.

[4] Jeħtieġ li jiġi indikat li din il-problema ġiet ittrattata wkoll fil-kawża Recamier (C-707/21, attwalment sospiża), fejn il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk "[i]d-definizzjoni awtonoma tal-awtorità ta' *res judicata* tkopri[x] il-kundizzjonijiet u l-effetti kollha tagħha" jew jekk "parti tista[x] tiġi ddeterminata mil-liġi tal-qorti li quddiemha tressqet il-kawża u/jew mil-liġi tal-qorti li tat id-deċiżjoni". Ara, fuq din it-tieni kawża, Bléry, C., "Quelle autonomie de la notion d'autorité de la chose jugée?: droit de l'Union versus droit français", *Dalloz actualité*, 1 ta' Diċembru 2021.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. Għal din il-kawża huma rilevanti l-Artikoli 27, 33 u 36 tar-Regolament Nru 44/2001.

B. Id-dritt nazzjonali

1. Id-dritt Franċiż

4. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu L. 1234-5 tal-code du travail (il-Kodiċi tax-Xogħol), meta l-impjegat ma jaħdimx il-perijodu tal-avviż tat-temm ta' impjieg, huwa għandu dritt għal allowance kumpensatorja, sakemm ma jkunx wettaq nuqqas serju.

5. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu L. 1234-9 tal-Kodiċi tax-Xogħol:

"L-impjegat li jkollu kuntratt ta' impjieg għal żmien indeterminat, li jitkeċċa meta jkun għalaq tmien xhur ta' anzjanità mhux interrotta fis-servizz mal-istess persuna li timpjega, għandu dritt għal allowance ta' tkeċċija ħlief f'każ ta' nuqqas serju".

6. Skont l-Artikolu L. 1235-3 tal-Kodiċi tax-Xogħol, jekk it-tkeċċija ta' persuna impjegata sseħħ għal raġuni li ma hijiex reali u serja, il-qorti tista' tipproponi r-reintegrazzjoni tal-persuna impjegata mal-impriża, biż-żamma tal-benefiċċji miksuba. Jekk xi parti jew oħra tirrifjuta din ir-reintegrazzjoni, il-qorti tagħti lill-persuna impjegata kumpens li jitħallas mill-persuna li timpjega.

7. L-Artikolu R. 1452-6 tal-Kodiċi tax-Xogħol, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-Digriet Nru 2016-660, tal-20 ta' Mejju 2016[5], kien jipprovdi:

"It-talbiet kollha marbutin mal-kuntratt ta' xogħol bejn l-istess partijiet, kemm jekk isiru mir-rikorrent jew mill-konvenut, ikunu s-suġġett ta' deċiżjoni waħda.

Din ir-regola ma tapplikax meta l-bażi tal-pretensjonijiet tkun twieldet jew tkun ġiet żvelata wara li jkun adit il-conseil de prud'hommes [(il-Qorti Industrijali, Franza)]".

2. Id-dritt tar-Renju Unit

8. L-Artikolu 98 tal-Employment Rights Act 1996 (il-Liġi tal-1996 dwar id-Drittijiet fil-Qasam tal-Impjieg) jipprovdi:

"(1) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, sabiex jiġi deċiż jekk it-tkeċċija ta' persuna impjegata hijiex iġġustifikata jew inġusta, il-persuna li timpjega għandha turi:

(a) ir-raġuni (jew, jekk ikun hemm diversi raġunijiet, ir-raġuni prinċipali) tat-tkeċċija, u

[5] JORF Nru 0120 tal-25 ta' Mejju 2016, test Nru 30.

(b) jekk hemmx raġuni li taqa' taħt il-paragrafu (2) jew xi raġuni sostantiva oħra li tiġġustifika t-tkeċċija ta' persuna impjegata li tokkupa l-post li kienet tokkupa l-persuna impjegata.

(2) Raġuni tkun taqa' taħt dan il-paragrafu jekk:

[…]

(b) tikkonċerna l-aġir tal-impjegat.

[…]

(4) Meta l-persuna li timpjega tkun issodisfat ir-rekwiżiti tal-paragrafu (1), id-deċiżjoni dwar jekk it-tkeċċija hijiex iġġustifikata jew inġusta (fid-dawl tar-raġuni murija mill-persuna li timpjega):

(a) tiddependi mill-fatt dwar jekk, fiċ-ċirkustanzi (inkluż id-daqs u r-riżorsi amministrattivi tal-impriża tal-persuna li timpjega), il-persuna li timpjega tkunx aġixxiet b'mod raġonevoli jew le meta tkun ittrattatha bħala raġuni valida biex tkeċċi lill-persuna impjegata, u

(b) tiġi deċiża skont l-ekwità u l-merti tal-każ.

[…]"

9. L-Artikolu 118 ta' din il-liġi jipprevedi li, jekk il-qorti tagħti allowance ta' tkeċċija inġusta skont l-Artikoli 112(4) u 117(3), dawn l-allowances għandhom jikkonsistu (a) f'allowance bażiku (ikkalkolat skont l-Artikoli 119 sa 122 u 126) u (b) f'allowance kumpensatorju (ikkalkolat skont l-Artikoli 123, 124, 124A u 126).

III. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura prinċipali u d-domandi preliminari

10. TR ġie ngaġġat, fil-25 ta' Awwissu 1998, mill-kumpannija BNP, li saret BNP Paribas, skont kuntratt irregolat mid-dritt Ingliż biex iwettaq, f'Londra, funzjonijiet ta' "senior dealer".

11. Fit-2 ta' April 2009, TR iffirma ma' din il-kumpannija kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat irregolat mid-dritt Franċiż għal kollokament f'Singapor. Skont emenda għall-kuntratt tiegħu tas-16 ta' Awwissu 2010, huwa ġie assenjat mas-sussidjarja ta' Londra tal-kumpannija BNP Paribas.

12. TR tkeċċa, fit-30 ta' Settembru 2013, għal nuqqas serju minħabba fatti li seħħew matul il-perijodu tiegħu ta' kollokament f'Singapor.

13. Fl-20 ta' Diċembru 2013, TR adixxa lill-Employment Tribunal (il-Tribunal Industrijali, ir-Renju Unit) li, skont is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2014, laqa' l-ilment tiegħu fuq it-tkeċċija inġusta ("complaint of unfair dismissal") bħala fondat, tah is-somma ta' GBP 81 175 (madwar EUR 94 401.77) bħala kumpens ("compensatory award") u rrinvija għal seduta oħra t-talbiet l-oħra li jirrigwardaw il-miżuri kumpensatorji.

14. L-Employment Tribunal (it-Tribunal Brittaniku) irrileva b'mod partikolari li, għalkemm TR kien ġie ssanzjonat skont il-Kodiċi tax-Xogħol Franċiż, il-bord tal-kumpannija BNP Paribas kien aċċetta li l-kawża tiġi deċiża skont il-Liġi tal-1996 dwar id-Drittijiet f'Materja ta' Impjieg u l-ġurisprudenza Brittanika.

15. TR imbagħad adixxa, b'rikors tas-27 ta' Novembru 2014, lill-conseil de prud'hommes de Paris (il-Qorti Industrijali ta' Pariġi, Franza), b'talbiet intiżi, b'mod partikolari, li jiksbu l-kundanna tal-kumpannija BNP Paribas għall-ħlas ta' danni minħabba tkeċċija mingħajr kawża reali u serja, allowance ta' tkeċċija, allowance kumpensatorja tal-avviż tat-temm ta' impjieg kif ukoll diversi ammonti li jikkorrispondu għal bonusijiet u primjums previsti fil-kuntratt ta' impjieg. Il-conseil de prud'hommes (il-Qorti Industrijali), li ddeċidiet permezz ta' sentenza tas-17 ta' Mejju 2016, iddikjara dawn it-talbiet inammissibbli minħabba l-awtorità ta' *res judicata*.

16. Skont sentenza tat-22 ta' Mejju 2019, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) annulla din is-sentenza bid-dispożizzjonijiet kollha tagħha.

17. Mid-dikjarazzjonijiet ta' din is-sentenza jirriżulta li l-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) iddeċidiet li s-sentenza tal-Employment Tribunal (it-Tribunal Brittaniku) kellha l-awtorità ta' *res judicata* inkwantu huwa kkunsidra t-tkeċċija bħala li ma hijiex ibbażata fuq kawża reali u serja. Din il-qorti kkunsidrat madankollu li ebda awtorità ta' *res judicata* ma setgħet tiġi invokata kontra t-talbiet magħmula quddiem il-conseil de prud'hommes de Paris (il-Qorti Industrijali ta' Pariġi) u kkundanna lill-kumpannija BNP Paribas għall-ħlas ta' danni għat-tkeċċija mingħajr kawża reali u serja, allowance ta' tkeċċija, allowance kumpensatorja ta' avviż tat-temm ta' impjieg kif ukoll diversi ammonti li jikkorrispondu għall-bonusijiet u primjums previsti fil-kuntratt ta' impjieg.

18. Biex waslet għal din il-konklużjoni, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) rrilevat b'mod partikolari li fir-rikors ippreżentat quddiem l-Employment Tribunal (it-Tribunal Brittaniku) jissemma espliċitament li TR ma kienx talab id-danni u l-benefiċċji soċjali b'rabta mat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu u li huwa kien ser jagħmel tali talbiet quddiem qorti oħra. Hija qieset li t-talbiet ippreżentati quddiem il-qorti Franċiża ma kinux l-istess u ma kellhomx l-istess kawża bħal dawk ippreżentati quddiem it-Tribunal Brittaniku.

19. Il-kumpannija BNP Paribas ippreżentat appell quddiem il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni). Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti invokat b'mod partikolari l-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 44/2001 biex issostni li, minħabba s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Brittaniku, il-qrati Franċiż ma setgħux jeżaminaw it-talbiet ippreżentati minn TR. Għal dan il-għan, l-appellanti ssostni, fl-ewwel lok, li l-eċċezzjoni bbażata fuq ir-*res judicata* minħabba sentenza barranija, invokata quddiem il-qorti Franċiża, għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-awtorità u tal-effikaċità li din tgawdi fl-Istat Membru fejn hija tkun ingħatat. Fit-tieni lok, hija ssostni li l-awtorità ta' *res judicata* marbuta ma' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru tipprekludi li azzjoni li jkollha l-istess suġġett, l-istess kawża u tkun bejn l-istess partijiet tiġi ppreżentata fi Stat Membru ieħor.

20. Waqt l-eżami ta' dan l-appell, il-Cour de Cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) irrilevat li l-kumpannija BNP Paribas invokat ir-regola tal-"abuse of process" li toħroġ mid-deċiżjoni Henderson vs Henderson tal-20 ta' Lulju 1843 tal-Court of Chancery (England & Wales) ((il-Qorti tal-Ekwità) (Ingilterra u Wales), ir-Renju Unit), li "timponi fuq il-partijiet, meta l-kwistjoni tagħhom tkun saret is-suġġett ta' tilwima quddiem qorti kompetenti, li jressqu l-kwistjoni kollha quddiem din tal-aħħar sabiex l-aspetti kollha ta' din il-kwistjoni jkunu jistgħu

jiġu maqtugħa, salv għall-appell, darba għal dejjem”[6].

21. Il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) fakkret ukoll li, skont il-leġiżlazzjoni Franċiża li kienet fis-seħħ dak iż-żmien, it-talbiet kollha marbutin mal-kuntratt ta’ impjieg, kemm jekk isiru mir-rikorrent jew mill-konvenut, ikunu s-suġġett ta’ kawża waħda u li din ir-regola ma hijiex applikabbli meta l-bażi tal-pretensjonijiet titwieled jew ġiet żvelata wara li tkun adita l-conseil de prud’hommes (il-Qorti Industrijali).

22. F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet, fit-8 ta’ Settembru 2021, li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

“1) L-Artikoli 33 u 36 tar-[Regolament Nru 44/2001] għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-liġi tal-Istat Membru ta’ oriġini tad-deċiżjoni tagħti lil din tal-aħħar awtorità li tipprojbixxi li titressaq azzjoni ġdida mill-istess partijiet għall-għoti ta’ deċiżjoni fuq it-talbiet li setgħu jiġu fformulati fl-ewwel istanza, l-effetti ta’ din id-deċiżjoni fl-Istat Membru indirizzat jipprekludu li qorti ta’ dan l-aħħar Stat, li l-liġi tiegħu applikabbli *ratione temporis* kienet tipprevedi fid-dritt industrjali, obbligu simili ta’ konċentrazzjoni tal-pretensjonijiet, tiddeċiedi fir-rigward ta’ tali talbiet?

2) Fil-każ ta’ risposta negattiva għal din l-ewwel domanda, l-Artikoli 33 u 36 tar-[Regolament Nru 44/2001] għandhom jiġu interpretati fis-sens li azzjoni bħal dik ta’ ‘unfair dismissal’ fir-Renju Unit għandha l-istess kawża u l-istess suġġett bħal azzjoni għal tkeċċija mingħajr kawża reali u serja fid-dritt Franċiż, b’tali mod li t-talbiet għad-danni mressqa mill-impjegat minħabba tkeċċija mingħajr kawża reali u serja, għall-allowance kumpensatorja għal nuqqas ta’ avviż tat-temm ta’ impjieg u għall-allowance ta’ tkeċċija, wara li l-impjegat kiseb fir-Renju Unit deċiżjoni li tiddikjara l-‘unfair dismissal’ u li tagħti kumpens għal dan il-għan (“compensatory award”) huma inammissibbli? Hemm lok f’dan ir-rigward li ssir distinzjoni bejn, minn naħa, id-danni minħabba tkeċċija mingħajr kawża reali u serja li jista’ jkollhom l-istess kawża u l-istess suġġett bħall-‘compensatory award’ u, min-naħa l-oħra, l-allowances ta’ tkeċċija u ta’ nuqqas ta’ avviż tat-temm ta’ impjieg li, fid-dritt Franċiż, huma dovuti meta t-tkeċċija tkun ibbażata fuq kawża reali u serja, iżda ma humiex dovuti fil-każ ta’ tkeċċija bbażata fuq nuqqas serju?

3) Bl-istess mod, l-Artikoli 33 u 36 tar-[Regolament Nru 44/2001] għandhom jiġu interpretati fis-sens li għandhom l-istess kawża u l-istess suġġett azzjoni bħal dik ta’ ‘unfair dismissal’ fir-Renju Unit u azzjoni għall-ħlas ta’ bonus jew ta’ primjum previsti fil-kuntratt ta’ xogħol peress li dawn l-azzjonijiet huma bbażati fuq l-istess relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet?”

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Franċiż u Svizzeru kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

[6] Punt 37 tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-informazzjoni dettaljata ddedikata mill-qorti tar-rinviju għall-preżentazzjoni tar-regola tal-“abuse of process” tinsab fil-punt 38 tal-verżjoni mhux anonimizzata u mingħajr ommissjonijiet tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

V. Analiżi ġuridika

A. Kunsiderazzjonijiet preliminari

24. Qabel l-eżami tad-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju, jidhirli li huwa neċessarju li jsiru diversi osservazzjonijiet.

1. Fuq l-applikabbiltà tar-Regolament Nru 44/2001

25. Jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk ir-Regolament Nru 44/2001 japplikax kemm *ratione temporis* kif ukoll *ratione loci*. F'dan ir-rigward, nosserva li d-deċiżjoni tal-Employment Tribunal (it-Tribunal Brittaniku), li r-rikonoxximent tagħha jinsab ikkontestat fil-kawża prinċipali, ingħatat wara l-azzjoni mibdija fl-20 ta' Diċembru 2013.

26. Minn dan il-fatt, jirriżulta, l-ewwel nett, li r-Regolament Nru 44/2001 huwa applikabbli *ratione temporis* għall-kawża prinċipali. Fil-fatt, skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012[7], dan ir-regolament baqa' applikabbli għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-azzjonijiet ġudizzjarji mibdija qabel l-10 ta' Jannar 2015.

27. Minn dan l-istess fatt isegwi, imbagħad, li r-Regolament Nru 44/2001 huwa applikabbli *ratione loci*. Biex nasal għal din il-konklużjoni, nirrileva li, skont l-Artikolu 67(2)(a) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[8], "ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 għandu japplika għar-rikonoxximent u għall-infurzar ta' sentenzi mogħtija fi proċedimenti legali istitwiti qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, u għal strumenti awtentiċi formalment imfassla jew reġistrati u għal soluzzjonijiet fil-qorti approvati jew konklużi qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni". Minn dan isegwi li r-Regolament Nru 44/2001 jibqa' applikabbli għar-Renju Unit sa tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni.

28. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, jeħtieġ li jitqies li r-Regolament Nru 44/2001 huwa applikabbli *ratione temporis* u *ratione* loci għall-kawża prinċipali.

2. Fuq l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001

29. Għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001, infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita[9], sa fejn ir-regolament jissostitwixxi lill-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[10] (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell"), l-interpretazzjoni pprovduta

[7] Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) (ĠU 2012, L 351, p. 1). Dan ir-regolament issostitwixxa lir-Regolament Nru 44/2001.

[8] ĠU 2019, C 384 I, p. 1.

[9] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, Weil (C-361/18, EU:C:2019:473, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata). Nosserva wkoll li, għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1215/2012, il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta raġunament simili. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2022, London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association (C-700/20, EU:C:2022:488, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[10] ĠU 1972, L 299, p. 32.

mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni tapplika wkoll għal dawk ta' dan ir-regolament, meta d-dispożizzjonijiet ta' dawn l-istrumenti tal-Unjoni jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala ekwivalenti.

30. Madankollu, nosserva li, minn naħa, l-Artikoli 26 u 29 tal-Konvenzjoni ta' Brussell u, min-naħa l-oħra, l-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament Nru 44/2001, li tiegħu l-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni, huma fformulati kważi b'mod identiku, b'mod li s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li interpretaw il-Konvenzjoni ta' Brussell jistgħu jikkostitwixxu bażi rilevanti biex tingħata risposta għad-domandi tal-qorti tar-rinviju [11].

3. Fuq id-delimitazzjoni tad-domandi preliminari

31. Fl-ewwel lok, nirrileva li mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li l-kumpannija BNP Paribas tinvoka s-sentenza mogħtija mill-Employment Tribunal (it-Tribunal Brittaniku) biex tikkonkludi dwar l-inammissibbiltà tal-azzjoni mibdija sussegwentement fi Franza minn TR. Fil-fehma tiegħi, tali sitwazzjoni tikkorrispondi għall-ipoteżi msemmija fl-Artikolu 33(3) tar-Regolament Nru 44/2001, li jkopri l-ipoteżi fejn, matul il-kawża fi Stat Membru, ir-rikonoxximent jiġi invokat b'mod inċidentali quddiem qorti ta' Stat Membru. Issa, kif enfasizza r-rapport magħmul minn P. Jenard [12], din ir-regola tikkonċerna l-każ fejn parti tinvoka r-rikonoxximent bħala eċċezzjoni ta' *res judicata*.

32. F'dan ir-rigward, ninnota li, għalkemm ir-rikonoxximent ma għandux jiġi konfuż mal-awtorità ta' *res judicata* [13], dawn iż-żewġ kunċetti huma marbutin. Għaldaqstant, l-awtorità ta' *res judicata* tikkostitwixxi waħda mill-aspetti tar-rikonoxximent. B'mod iktar preċiż, ir-rikonoxximent jista', taħt l-awtorità ta' *res judicata*, jieħu kemm aspett pożittiv, inkwantu jippermetti li tiġi introdotta fit-tieni Stat Membru s-sitwazzjoni legali maħluqa b'deċiżjoni mogħtija fl-ewwel Stat Membru, kif ukoll aspett negattiv, inkwantu tipprojbixxi, taħt l-awtorità ta' *res judicata*, li tiġi kkontestata d-deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fl-ewwel Stat Membru billi jiġu mressqa fit-tieni Stat talbiet li jirrigwardaw l-istess punti identiċi għal dawk maqtugħa f'din id-deċiżjoni [14].

33. Minn dan jirriżulta li l-kawża prinċipali għandha tiġi mifhuma mill-angolu ta' dan it-tieni aspett tar-regoli ta' rikonoxximent stabbiliti mir-Regolament Nru 44/2001. Fil-fehma tiegħi, dan il-kuntest jiddelimita problema doppja. Minn naħa, huwa jippreżumi li jiġi ppreċiżat fuq liema bażijiet għandha tkun iddelimitata l-awtorità ta' deċiżjoni mogħtija fl-ewwel Stat Membru li r-rikonoxximent tagħha jkun invokat quddiem qorti fit-tieni Stat Membru. Min-naħa l-oħra, dan il-kuntest jimplika li jiġi stabbilit kif din id-deċiżjoni għandha tidher fid-dawl tal-azzjoni ppreżentata f'dan it-tieni Stat Membru sabiex jiġi vverifikat jekk din il-proċedura ġdida hijiex, parzjalment jew totalment, inammissibbli minħabba l-awtorità ta' *res judicata* marbuta mas-sentenza mogħtija fl-ewwel Stat Membru.

[11] Jeħtieġ ukoll li jiġi rrilevat li l-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 44/2001 huma fformulati b'mod viċin wisq għall-Artikoli 36 u 52 tar-Regolament Nru 1215/2012.

[12] Rapport ta' P. Jenard fuq il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1979, C 59, p. 44) (iktar 'il quddiem ir-"rapport Jenard"),.

[13] F'dan ir-rigward, P. Jenard jenfasizza li "[I]l-kliem 'awtorità ta' *res judicata*' li jinsabu f'diversi konvenzjonijiet tħallew espressament barra, peress li jistgħu jiġu rrikonoxxuti d-deċiżjonijiet provviżorji u d-deċiżjonijiet mogħtija fil-qasam ta' ġurisdizzjoni volontarja, liema deċiżjonijiet ma jkollhomx dejjem awtorità ta' *res judicata*" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Rapport Jenard, p. 43.

[14] Dawn l-argumenti ttieħdu minn dawn ix-xogħlijiet: Gaudemet-Tallon, H. u Ancel, M.-É., *Compétence et exécution des jugements en Europe*, LGDJ, is-sitt edizzjoni, 2018, p. 583, kif ukoll Alexandre, D., u Huet, A., *Répertoire de procédure civile, compétence judiciaire européenne, reconnaissance et exécution des décisions en matière civile et commerciale*, 2021, paragrafi 335 *et seq*.

34. Fit-tieni lok, nikkonstata li, filwaqt li l-konvenut fil-kawża prinċipali kkontesta l-preżentazzjoni magħmula mill-qorti tar-rinviju tar-regola Brittanika tal-"abuse of process", huwa jsostni li l-applikazzjoni ta' din ir-regola hija limitata għall-każijiet fejn ir-rikorrent ikun abbuża mill-proċedura, b'mod li ma jkunx preklużż milli jibda t-tieni proċedura. Madankollu, infakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-domandi li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest regolamentari u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li ma huwiex l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tagħhom, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza [15]. Għaldaqstant jidhirli li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi billi tikkunsidra biss l-elementi legali u fattwali pprovduti mill-qorti tar-rinviju.

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

35. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament Nru 44/2001 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru jkollha bħala konsegwenza li twassal għall-inammissibbiltà tat-talbiet magħmula quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor minħabba li l-leġiżlazzjonijiet ta' kull wieħed minn dawn l-Istati jipprevedu regola proċedurali ta' konċentrazzjoni tat-talbiet kollha li kellhom jiġu ppreżentati mal-istanza inizjali.

36. Fi kliem ieħor, din il-kwistjoni tinvolvi li jiġi stabbilit jekk, għall-applikazzjoni tar-regoli ta' rikonoxximent stabbiliti mir-Regolament Nru 44/2001, l-awtorità ta' *res judicata* tad-deċiżjoni mogħtija fl-Istat tal-oriġini għandhiex tkun iddelimitata b'riferiment għal regola interna dwar il-konċentrazzjoni tat-talbiet.

37. Biex tingħata risposta għal din id-domanda, jidhirli li huwa meħtieġ li jiġu ppreċiżati minn qabel il-limiti tal-kunċett ta' "rikonoxximent". Għal dan il-għan, jeħtieġ li jiġi rilevat li r-rikonoxximent ma huwiex iddefinit bħala tali fir-Regolament Nru 44/2001, li jgħid biss, fl-Artikolu 33(1) tiegħu, li "[s]entenza mogħtija minn Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa proċedura speċjali" u, fl-Artikolu 36 tiegħu, li, "[s]entenza barranija taħt l-ebda ċirkostanzi ma' tista' tiġi reveduta fuq is-sustanza tagħha".

38. Dan premess, infakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti [16].

[15] Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2022, Koalitsia "Demokratichna Bulgaria – Obedinenie" (C-306/21, EU:C:2022:813, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata)

[16] Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2022, Orthomol (C-418/21, EU:C:2022:831, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod iktar preċiż, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom jiġu interpretati b'mod awtonomu, billi jsir riferiment għas-sistema u għall-għanijiet ta' dan. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, E.ON Czech Holding (C-560/16, EU:C:2018:167, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39. Għal dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, l-għanijiet tar-Regolament Nru 44/2001, mill-premessi 2, 6, 16 u 17 tal-istess regolament jirriżulta li dan huwa intiż sabiex jiżgura l-moviment liberu ta' sentenzi minn Stati Membri f'materji ċivili u kummerċjali [17], billi jiġu pprovduti regoli ta' kompetenza armonizzati u billi jiġu ssemplifikati l-formalitajiet bl-għan li jiġu mħaffa u ssemplifikati r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' dawn is-sentenzi [18].

40. Għal dak li jirrigwarda, imbagħad, is-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 44/2001, il-premessi 16 u 17 tiegħu jenfasizzaw l-importanza tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn il-qrati tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-qrati, fatt li jippreżumi wkoll il-kunċetti li jinsabu f'dan ir-regolament ma jiġux interpretati b'mod restrittiv [19].

41. Fl-aħħar nett, ir-rapport Jenard iddefinixxa l-konsegwenzi tar-rikonoxximent billi ppreċiża li dan "għandu jkollu bħala effett li jattribwixxi lid-deċiżjonijiet l-awtorità u l-effikaċità li dawn igawdu fl-Istat tal-oriġini fejn dawn ikunu ngħataw" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [20].

42. Filwaqt li ħadet espressament din l-aħħar proposta, il-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tas-sentenza Hoffmann [21], ippreċiżat l-effetti tar-rikonoxximent billi ddeċidiet li sentenza barranija rikonoxxuta skont l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Brussell għandha jkollha, fil-prinċipju, fl-Istat indirizzat, l-istess effetti bħal dawk li hija għandha fl-Istat tal-oriġini [22].

43. Meta ppronunzjat ruħha mbagħad fil-kuntest tal-eżekuzzjoni fi Stat Membru ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, filwaqt li rreferiet mill-ġdid għar-rapport Jenard [23], li "[għalkemm] ir-rikonoxximent għandu jkollu l-effett, bħala prinċipju, li jagħti lis-sentenzi l-awtorità u l-effikaċja li minnhom igawdu fl-Istat Membru fejn dawn ingħataw […] madankollu ma teżisti l-ebda raġuni li sentenza tingħata, meta tiġi eżegwita, drittijiet li ma japplikawx għaliha fl-Istat Membru ta' oriġini […] jew tal-effetti li ma jwasslux għal sentenza tal-istess tip mogħtija direttament fl-Istat Membru [indirizzat]" [24].

44. Minn dawn is-sentenzi jirriżulta li, skont l-istruttura stess tar-Regolament Nru 44/2001, li, essenzjalment, jifred ir-regoli li jirregolaw ir-rikonoxximent minn dawk li jirregolaw l-eżekuzzjoni ta' sentenzi tal-qrati [25], il-Qorti tal-Ġustizzja tagħmel distinzjoni skont jekk il-wieħed jew l-ieħor minn dawn il-kunċetti huwiex fiċ-ċentru tat-tilwima.

[17] Ninnota li fir-rapport tiegħu, P. Jenard enfasizza li l-Konvenzjoni ta' Brussell "hija intiża li tiffaċilita, sa fejn huwa possibbli, l-moviment liberu tas-sentenzi u huwa f'dan l-ispirtu li din għandha tiġi interpretata" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (rapport Jenard, p. 42).

[18] Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Società Immobiliare Al Bosco (C-379/17, EU:C:2018:806, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata)

[19] Sentenza tal-15 ta' Novembru 2012, Gothaer Allgemeine Versicherung *et* (C-456/11, iktar 'il quddiem is-"sentenza Gothaer", EU:C:2012:719, punt 28).

[20] Rapport Jenard, p. 43

[21] Sentenza tal-4 ta' Frar 1988 (145/86, EU:C:1988:61).

[22] Sentenza tal-4 ta' Frar 1988 Hoffmann, (145/86, EU:C:1988:61, punti 10 u 11). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Gothaer, punt 34.

[23] Rapport Jenard, p. 48.

[24] Sentenzi tat-28 ta' April 2009, Apostolides (C-420/07, EU:C:2009:271, punt 66); tat-13 ta' Ottubru 2011, Prism Investments (C-139/10, EU:C:2011:653, punt 38); u tal-4 ta' Ottubru 2018, Società Immobiliare Al Bosco (C-379/17, EU:C:2018:806, punt 40).

[25] Għalkemm ir-regoli li jirrigwardaw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni huma miġbura fil-Kapitolu III tar-Regolament Nru 44/2001, dawn huma, apparti d-dispożizzjonijiet komuni li jinsabu fit-Taqsima 3 ta' dan il-kapitolu, is-suġġettt ta' regoli speċifiċi msemmija fit-taqsimiet separati ta' dan ir-regolament.

45. Għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni tas-sentenzi, li timplika l-implimentazzjoni tal-miżuri koerċittivi sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' dritt mogħti permezz ta' deċiżjoni [26], il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi espressament għal-liġi tal-Istat ta' oriġini kif ukoll għal dik tal-Istat indirizzat biex taġġusta l-effetti tas-sentenza barranija għall-effetti li tipproduċi sentenza nazzjonali [27].

46. Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda r-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet, nosserva, li fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi esklużivament għal-liġi tal-Istat Membru fejn is-sentenza tkun ingħatat. Minn dan jirriżulta, fil-fehma tiegħi, li r-rikonoxximent jikkonsisti f'li jiġu estiżi għal Stat Membru, ir-regoli li l-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' oriġini jorbot mas-sentenzi mogħtija f'dan l-Istat. Għaldaqstant, jeħtieġ, skont din is-soluzzjoni kkwalifikata mid-dottrina tar-regola tal-"estensjoni tal-effetti", li wieħed jirreferi għal-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini biex jiġu ddeterminati l-effetti tas-sentenza invokata fit-tieni Stat Membru, fosthom b'mod partikolari l-punti deċiżi b'din is-sentenza, id-drittijiet stabbiliti fiha u l-konsegwenzi materjali fuq is-sitwazzjoni legali tal-partijiet [28].

47. Issa, nikkunsidra li, wara l-imsemmija sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, din il-ġurisprudenza ma għaddietx minn tibdil li jista' jikkontestaha.

48. Ċertament, nirrileva li, fis-sentenza Gothaer, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari li "l-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom jiġu interpretati fis-sens li qorti li quddiemha qed jiġi invokat ir-rikonoxximent ta' sentenza li fiha qorti ta' Stat Membru ieħor irrinunċjat għall-ġurisdizzjoni tagħha fuq il-bażi ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni hija marbuta bil-konstatazzjoni dwar il-validità ta' din il-klawżola, li tinsab fil-motivi ta' sentenza li saret res judicata li tiddikjara l-kawża bħala inammissibbli" [29].

49. Minn din is-sentenza jirriżulta li, indipendentement mill-portata li jagħtuhom id-drittijiet nazzjonali, il-motivi ta' deċiżjoni dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni bbażata fuq klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni ma għandhomx l-awtorità ta' *res judicata*. *Prima facie*, tali soluzzjoni tista' tagħti x'wieħed jifhem li l-Qorti tal-Ġustizzja abbandunat, fil-qasam tar-rikonoxximent, ir-riferiment għal-liġi ta' oriġini favur tifsira awtonoma tal-awtorità ta' *res judicata*. Madankollu, jidhirli li, minn qari tal-motivazzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja, tali analiżi ma tistax tiġi adottata.

50. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi nnotat li l-imsemmija sentenza ngħatat fil-kuntest partikolari tar-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru li jirrinunzja l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq il-bażi ta' klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni. F'tali kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet, essenzjalment, li l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka u l-projbizzjoni kontra li jiġu rriveduti sentenzi fil-mertu jkunu miksura jekk il-qorti ta' Stat Membru tkun permessa tistħarreġ sentenza ta' qorti ta' Stat Membru ieħor li jkun applika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001 biex

[26] Ara, għal definizzjoni tal-eżekuzzjoni, Alexandre, D., u Huet, A., *Répertoire de procédure civile, compétence judiciaire européenne, reconnaissance et exécution des décisions en matière civile et commerciale*, 2021, paragrafu 335 u Requejo Isidro, M., *Brussels I Bis: A Commentary on Regulation (EU) nº 1215/2012*, Elgar Commentaries in Private International Law Series, 2022, p. 550.

[27] Mill-bqija, din is-soluzzjoni hija sanċita fir-Regolament Nru 1215/2012 li l-Artikolu 54 tiegħu jipprovdi: "Jekk sentenza jkun fiha miżura jew ordni li ma jkunux magħrufa fil-liġi tal-Istat Membru indirizzat, dik il-miżura jew ordni għandha, sa fejn ikun possibbli, tiġi adattata għal miżura jew ordni magħrufa fil-liġi ta' dak l-Istat Membru li jkollha l-effetti ekwivalenti marbutin magħha u li ssegwi għanijiet u interessi simili".

[28] Għall-preżentazzjoni tar-regola tal-estensjoni tal-effetti u tal-konsegwenzi li joħorġu minnha, ara Gaudemet-Tallon, H., u Ancel, M.-É., *Compétence et exécution des jugements en Europe*, *op. cit.*, p. 550; Requejo Isidro, M., *Brussels I Bis: A Commentary on Regulation (EU) nº 1215/2012*, *op cit.*, p. 551 u Dickinson, A., Lein, E., u James, A., *The Brussels I Regulation Recast*, Oxford University Press, 2015, paragrafi 13.33 *et seq*.

[29] Sentenza Gothaer, punt 43.

jirrifjuta jew jaċċetta l-ġurisdizzjoni tiegħu. Minn dan hija ddeduċiet li tali kunsiderazzjonijiet kienu jirrendu neċessarju approċċ awtonomu tal-awtorità ta' *res judicata* ddefinit fuq livell tal-Unjoni, indipendentement mir-regoli nazzjonali [30].

51. Nirrileva wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss irreferiet espliċitament għas-sentenza Hoffmann [31], imma ħadet ħsieb ukoll tenfasizza li r-rikonoxximent ta' sentenzi ta' qrati ta' Stati Membri li jirrinunzjaw għall-ġurisdizzjoni tagħhom abbażi tar-Regolament Nru 44/2001, li jingħataw skont ir-regoli komuni dwar il-ġurisdizzjoni previsti mid-dritt tal-Unjoni, isegwi sistema separata [32]. Minn dan jirriżulta li, kif isostni l-Gvern Franċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja riedet tillimita l-portata ta' din is-soluzzjoni għal din l-ipoteżi speċifika [33].

52. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha niddeduċi li, fl-istat tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa neċessarju fil-prinċipju, meta r-rikonoxximent jiġi invokat, li jsir riferiment għal-liġi tal-Istat Membru li fih tkun ingħatat sentenza biex jiġu ddeterminati l-effetti ta' din tal-aħħar. Minn dan isegwi li, fil-kawża prinċipali, il-liġi tar-Renju Unit għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biex jiġu ddeterminati l-awtorità u l-effikaċità marbutin mas-sentenza mogħtija mill-Employment Tribunal (it-Tribunal Britanniku).

53. Dan premess, xorta waħda huwa meħtieġ li, min-natura u l-għan tagħha, il-liġi tal-Istat ta' oriġini tkun suxxettibbli li jkollha effett fuq id-delimitazzjoni tal-awtorità u tal-effikaċità ta' din is-sentenza. Madankollu, nikkunsidra li r-regola proċedurali ta' konċentrazzjoni tat-talbiet prevista mid-dritt tar-Renju Unit, kif ippreżentata mill-qorti tar-rinviju, ma tistax ikollha tali implikazzjoni.

54. F'dan ir-rigward, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju [34] jirriżulta li r-regola tal-"abuse of process", li timponi lill-partijiet li jikkonċentraw il-motivi u t-talbiet [35] li huma setgħu jressqu waqt l-istanza li twassal għas-sentenza inizjali, ma hijiex ibbażata fuq il-kunċett ta' *res judicata*. Skont il-qorti tar-rinviju, hija għandha n-natura ta' "regola ta' ordni pubbliku bbażata fuq ix-xewqa, fl-interess ġenerali kif ukoll f'dak tal-partijiet stess li t-tilwima ma titwalx għal dejjem u li l-konvenut ma jkollux ikun suġġett għal diversi kawżi suċċessivi meta waħda setgħet tkun sufiċjenti. Dan huwa l-abbuż li kontrih hija diretta din ir-regola".

55. Meħud kont ta' dawn il-karatteristiċi, jidhirli li din ir-regola ta' proċedura hija ġġustifikata minn tifsira speċifika għar-Renju Unit tal-ekonomija tal-ġudizzju inkwantu hija intiża li tipprekludi l-preżentazzjoni abbużiva mill-konvenut ta' proċedura ġdida potenzjali.

30 Sentenza Gothaer, punti 35 sa 39.

31 Sentenza tal-4 ta' Frar 1988, (145/86, EU:C:1988:61, punt 34).

32 Sentenza Gothaer, punt 42.

33 Ara, fuq il-portata ta' din is-sentenza, Requejo Isidro, M., *Brussels I Bis: A Commentary on Regulation (EU) nº1215/2012*, *op. cit.*, p. 552; Dickinson, A., Lein, E., u James A., *The Brussels I Regulation Recast*, *op cit.*, paragrafi 13.51 *et seq.*; Voulgarakis, K. D., "Reflections on the Scope of 'EU Res Judicata' in the Context of Regulation 1215/2012: Case C-456/11 (Gothaer)", *Journal of Private International Law*, 2020, 16:3, p. 451 sa 464; Nioche, M., "Reconnaissance d'une décision étrangère d'incompétence prise sur le fondement d'une clause attributive de juridiction", *Revue critique de droit international privé*, 2013, p. 686 *et seq.* kif ukoll di Noto, R., "Règlement Bruxelles I: à propos de la reconnaissance et de l'autorité de la chose jugée d'une décision nationale d'incompétence", www.gdr-elsj.eu.

34 Nirreferi għall-punt 38 tal-verżjoni mhux anonimizzata u mingħajr ommissjoni tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

35 Jeħtieġ li jitfakkar li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-liġi Franċiża applikabbli *ratione temporis* tipprovdi regola simili ta' konċentrazzjoni tal-pretensjonijiet.

56. Minn dan jirriżulta li, mill-aspett tar-rikonoxximent fi Stat Membru ta' deċiżjoni mogħtija fl-ewwel Stat Membru, ir-regola ta' konċentrazzjoni tat-talbiet bl-ebda mod ma tikkonċerna l-punti diġà deċiżi fuq il-mertu mis-sentenza ġudizzjarja mogħtija fl-ewwel Stat Membru, id-drittijiet hemm sanċiti u l-implikazzjonijiet materjali tagħhom fuq is-sitwazzjoni legali tal-partijiet.

57. Fil-fehma tiegħi, minn dan jirriżulta li tali regola ma għandhiex effett fuq l-awtorità u l-effettività tas-sentenza li tagħha jkun intalab ir-rikonoxximent.

58. Barra minn hekk, jidhirli li konklużjoni kuntrarja għal dik li għadni kif wasalt għaliha ma tkunx konformi mal-istruttura tar-Regolament Nru 44/2001.

59. Fil-fatt, jeħtieġ li jitfakkar li dan ir-regolament huwa intiż li jiffaċilita l-moviment liberu tas-sentenzi tal-qrati billi jipprevedi regoli dwar il-ġurisdizzjoni armonizzati u billi jissemplifika l-formalitajiet bl-għan li jiġu mħaffa u ssemplifikati r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' dawn is-sentenzi. Għaldaqstant, kif enfasizzat il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni u dawk dwar ir-rikonoxximent u dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-qrati ma jikkostitwixxux gruppi ta' regoli distinti u awtonomi iżda huma marbuta mill-qrib ma' xulxin [36].

60. F'dan ir-rigward, it-teħid inkunsiderazzjoni, fl-istadju tar-rikonoxximent ta' sentenza tal-qrati, ta' regola nazzjonali li timponi l-konċentrazzjoni tat-talbiet, prevista mid-dritt tal-Istat Membru li minnu toħroġ id-deċiżjoni ġudizzjarja, jista' jippreġudika l-implimentazzjoni ulterjuri tar-regoli li jinsabu fil-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001. B'mod iktar preċiż, dan ir-regolament jipprovdi, rispettivament fis-Sezzjoni 5 u 9 ta' dan il-kapitolu, regoli speċifiċi dwar il-ġurisdizzjoni fil-qasam ta' kuntratti individwali ta' impjieg u dispożizzjonijiet li jirregolaw is-sitwazzjonijiet ta' *lis pendens* u ta' konnessjoni ta' kawżi.

61. Nikkunsidra li l-obbligu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, inkwantu jimponi li t-talbiet kollha jitressqu f'rikors wieħed, jista' jinterferixxi mal-mekkaniżmi previsti mill-imsemmi regolament. Fil-fatt, tali obbligu jista' jkollu l-konsegwenza li jipprekludi parti milli tressaq talbiet ġodda quddiem qorti li hija indikata mir-Regolament Nru 44/2001 biex tieħu konjizzjoni tagħhom jew li jiġu evitati d-dispożizzjonijiet awtonomi ta' dan ir-regolament intiżi li jipprevjenu l-eżistenza ta' proċeduri paralleli li jkunu jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet ġudizzjarji kontradittorji.

62. Issa, sakemm ma jiġix injorat l-għan tal-moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001 ma tistax tiddependi mill-kontenut tar-regoli ta' proċedura ta' Stat Membru.

63. Inżid ngħid li din il-konklużjoni lanqas ma hija invalidata mill-fatt li d-dritt tal-Istat Membru li fih kien invokat ir-rikonoxximent għandu regola simili ta' konċentrazzjoni tat-talbiet. Fil-fatt, għar-raġunijiet li għadni kif esponejt, is-sempliċi raġuni li l-leġiżlazzjonijiet taż-żewġ Stati Membri jipprovdu b'mod konsistenti tali obbligu lanqas ma jista' jiġġustifika n-newtralizzazzjoni tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni previsti mir-Regolament Nru 44/2001.

64. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda preliminari fis-sens li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom jiġu interpretati fis-sens li r-rikonoxximent ta' deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fi Stat Membru, li l-liġi tiegħu tipprovdi regola ta' konċentrazzjoni tat-talbiet

[36] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Gothaer, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata.

li tipprojbixxi lill-istess partijiet milli jibdew kawża ġdida li tirrigwarda pretensjonijiet li setgħu jitressqu fl-istanza inizjali, ma jipprekludix, anki fiċ-ċirkustanzi fejn id-dritt tal-Istat Membru li fih jiġi invokat ir-rikonoxximent jipprevedi obbligu simili ta' konċentrazzjoni tat-talbiet, li l-qorti ta' dan it-tieni Stat tiddeċiedi fuq tali pretensjonijiet.

65. Sa fejn regola proċedurali interna dwar il-konċentrazzjoni tat-talbiet ma tikkostitwixxix kriterju effettiv biex tiġi ddeterminata l-awtorità marbuta ma' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru, jibqa' li jiġi stabbilit, kif jitolbu t-tieni u t-tielet domanda preliminari, fuq liema bażijiet tali deċiżjoni għandha tkun relatata mat-talbiet magħmula fl-okkażjoni ta' proċedura ġdida quddiem qorti tat-tieni Stat Membru.

C. Fuq it-tieni u t-tielet domanda preliminari

1. Fuq ir-riformulazzjoni tad-domandi

66. It-tieni domanda tal-qorti tar-rinviju, li hija maqsuma f'żewġ partijiet, hija magħmula fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda.

67. Fl-ewwel lok, din il-qorti tixtieq tkun taf jekk azzjoni bħalma hija dik ta' "unfair dismissal" fir-Renju Unit għandhiex l-istess kawża u l-istess suġġett bħal azzjoni ta' tkeċċija mingħajr kawża reali u serja fid-dritt Franċiż, b'mod li t-talbiet magħmula mill-impjegat għad-danni minħabba tkeċċija mingħajr kawża reali u serja, għal allowance kumpensatorja tal-avviż tat-temm ta' impjieg kif ukoll għal allowance ta' tkeċċija quddiem il-qorti Franċiża, wara li dan l-impjegat kiseb fir-Renju Unit deċiżjoni li tiddikjara l-"unfair dismissal" u li tagħti għal dan il-għan "compensatory award", ikunu inammissibbli.

68. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi fuq il-punt dwar jekk, f'dan ir-rigward, jeħtieġx li ssir distinzjoni bejn, min-naħa, id-danni għat-tkeċċija mingħajr kawża reali u serja li jistgħu ikollhom l-istess kawża u l-istess suġġett bħall-"compensatory award" u, min-naħa l-oħra, l-allowances ta' tkeċċija u ta' avviż tat-temm ta' impjieg li, fid-dritt Franċiż, huma dovuti meta t-tkeċċija tkun ibbażata fuq kawża reali u serja imma ma humiex dovuti fil-każ ta' tkeċċija bbażata fuq nuqqas serju.

69. Permezz tat-tielet domanda, magħmula wkoll fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament Nru 44/2001 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li għandhom l-istess kawża u l-istess suġġett l-azzjonijiet bħalma huma dawk ta' "unfair dismissal" fir-Renju Unit u l-azzjonijiet għall-ħlas ta' bonusijiet jew ta' primjums previsti fil-kuntratt ta' impjieg meta dawn l-azzjonijiet ikunu bbażati fuq l-istess relazzjoni kuntrattwali.

70. Waqt l-eżami ta' dawn id-domandi, nirrileva, l-ewwel nett, li t-tieni domanda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina b'mod dettaljat l-allowances previsti rispettivament mid-dritt Britanniku u dak Franċiż sabiex jiġi stabbilit jekk l-azzjoni għal "unfair dismissal" u dik għat-tkeċċija mingħajr kawża reali u serja humiex ibbażati fuq l-istess kawża u l-istess suġġett. Nikkonstata mbagħad li, inkwantu tirreferi għall-identiċità tal-kawża u tas-suġġett li tista' teżisti bejn l-azzjoni għal "unfair dismissal" u dik għall-ħlas ta' primjums jew bonusijiet previsti mill-kuntratt ta' impjieg, it-tielet domanda tippreżupponi wkoll analiżi tal-kontenut sostantiv tal-leġiżlazzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

71. Minn dan jirriżulta, fil-fehma tiegħi, li dawn id-domandi jimplikaw li jsir eżerċizzju delikat ta' interpretazzjoni u mbagħad ta' paragun bejniethom fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tekniċi previsti mil-leġiżlazzjoni Britannika u dik Franċiża inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tinterpreta d-dritt nazzjonali, peress li dan ir-rwol jaqa' esklużivament fuq il-qorti tar-rinviju [37].

72. Madankollu, jeħtieġ li jitfakkar li, skont ġurisprudenza daqstant stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' l-kawża li tressqet quddiemha. Minn din il-perspettiva, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, jekk ikun il-każ, li għandha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha [38].

73. Fil-każ preżenti, mit-termini tat-talba għal deċiżjoni preliminari [39] jirriżulta li, lil hinn mill-paragun tal-kontenut tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, f'kuntest fejn ir-rikonoxximent ġie invokat b'mod inċidentali, fuq l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "kawża" u "suġġett" [40] fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament Nru 44/2001. B'mod iktar partikolari, din il-qorti tistaqsi, essenzjalment jekk, għad-determinazzjoni tal-identiċità tal-kawża u tas-suġġett marbutin mal-istess kuntratt ta' impjieg, jeħtieġx li ssir distinzjoni bejn l-azzjonijiet li jirrigwardaw l-obbligi inerenti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' impjieg u dawk li jirrigwardaw l-obbligi proprji għat-terminazzjoni ta' dan il-kuntratt.

74. Sa fejn, indipendentement mill-kontenut letterali tat-tieni u t-tielet domanda, dawn id-domandi huma intiżi biex jiġi interpretat id-dritt tal-Unjoni, nipproponi li sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, jiġu rriformulati dawn id-domandi b'dan il-mod:

L-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-każ fejn ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fl-ewwel Stat Membru tiġi invokata b'mod inċidentali quddiem il-qorti tat-tieni Stat Membru, l-azzjonijiet ibbażati fuq l-istess kuntratt ta' impjieg u li jirrigwardaw uħud minnhom l-obbligi li jitwieldu mill-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, u l-oħrajn jirrigwardaw l-obbligi li jitwieldu mit-terminazzjoni ta' dan il-kuntratt, għandhom l-istess kawża u l-istess suġġett?

2. Fuq id-domandi rriformulati

a) Kunsiderazzjonijiet preliminari

75. Jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju tippremetti li, biex tiġi evalwata l-ammissibbiltà tat-talbiet imressqa quddiem it-tieni Stat Membru, jeħtieġ li jsir riferiment għall-kriterju tal-identiċità tal-partijiet, tal-kawża u tas-suġġett. Ukoll, qabel ma jsir l-eżami tad-domanda kif irriformulata, jidher li huwa meħtieġ li jiġi vverifikat jekk tali kriterju huwiex ta' natura effettiva.

[37] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' April 2022, IFAP (C-447/20 u C-448/20, EU:C:2022:265, punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[38] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2022, DN (Irkupru ta' benefiċċji tal-familja) (C-199/21, EU:C:2022:789, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[39] Nirreferi b'mod iktar partikolari għall-punt 43 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

[40] Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li f'din il-kawża, il-kunċett ta' "identiċità tal-partijiet" ma huwa kkontestat bl-ebda mod.

76. Fuq dan il-punt, jeħtieġ li qabelxejn jiġi osservat li l-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament Nru 44/2001 bl-ebda mod ma jirreferu għall-kunċetti ta' "identiċità tal-partijiet", "tal-kawża" u "tas-suġġett". Min-naħa l-oħra, dawn il-kunċetti jikkostitwixxu elementi ċentrali għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament applikabbli għas-sitwazzjoni ta' *lis pendens* [41].

77. Il-*lis pendens* tippreżumi li żewġ qrati tal-Unjoni indikati bħala li t-tnejn li huma għandhom ġurisdizzjoni jiġu aditi bl-istess tilwima. F'tali ipoteżi, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 44/2001 jipprovdi li "[m]eta proċedimenti jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet ikunu miġjuba quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, xi qorti apparti mil-ewwel qorti li jkollha quddiema l-każ għandha bl-inizjattiva tagħha stess tissosspendi l-proċedimenti ta' quddiemha sa dak iż-żmien li fih tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni ta' l-ewwel qorti invokata". Kif tesprimi l-premessa 15 ta' dan ir-regolament, ir-regoli ta' *lis pendens* inħarġu sabiex titnaqqas kemm jista' jkun il-possibiltà ta' proċedimenti simultanji u biex jiġi evitat li jingħataw deċiżjonijiet irrikonċiljabbli f'żewġ Stati Membri.

78. Id-dispożizzjonijiet li jirrigwarda il-*lis pendens* jirriflettu għaldaqstant l-istruttura ġenerali tar-Regolament Nru 44/2001. Fil-fatt, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn il-qrati tal-Istati Membri u l-għan ta' moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji ikunu ppreġudikati fl-assenza ta' mekkaniżmu awtonomu xieraq li jipprevjeni t-tmexxija ta' proċeduri simultanji li jirrigwardaw l-istess kontestazzjoni [42].

79. F'dan ir-rigward, il-*lis pendens* hija marbuta mill-qrib mal-aspett negattiv tal-awtorità ta' *res judicata* [43]. Fil-fatt, l-awtorità ta' *res judicata* marbuta ma' deċiżjoni ġudizzjarja li tagħha jintalab ir-rikonoxximent b'mod inċidentali tipprekludi li kontestazzjoni deċiża minn qorti tal-ewwel Stat Membru tkun tista' tkun is-suġġett ta' azzjoni ġdida mressqa quddiem qorti tat-tieni Stat Membru.

80. Minn dan jirriżulta li r-regoli li jirrigwardaw il-*lis pendens* u r-rikonoxximent għandhom l-għan komuni li jappoġġjaw l-awtorità sħiħa tad-deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fl-Istat Membru tal-oriġini, li ma għandhiex tkun tista' tiġi kkontestata b'deċiżjoni mogħtija minn qorti ta' Stat Membru ieħor [44].

81. Mill-bqija, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għal din ir-rabta biex tiddeċiedi li huwa inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-rikonoxximent, li jiġi ammess rikors li għandu l-istess suġġett u li jiġi ppreżentat bejn l-istess partijiet bħal rikors diġà deċiż minn qorti ta' Stat Membru ieħor [45]. Insostenn tar-raġunament tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet, essenzjalment, li l-inkompatibbiltà ta' tali rikors tirriżulta mid-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-*lis pendens* fir-rigward tal-każ jew tat-talbiet "li għandhom l-istess suġġett u l-istess kawża ppreżentati bejn l-istess partijiet quddiem il-qrati tal-Istati kontraenti differenti" u li jobbligaw lill-qorti adita

[41] Għal preżentazzjoni tal-istruttura ġenerali tar-regoli ta' *lis pendens*, ara Dickinson, A., Lein, E., u James, A., *The Brussels I Regulation Recast*, *op cit*.,, paragrafi 11.01 *et seq*.

[42] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2022, London Steam-Ship Owners' Mutual Insurance Association (C-700/20, EU:C:2022:488, punti 56 u 70).

[43] Ara, fuq dan il-punt, Turmo, A.; *L'autorité de la chose jugée en droit de l'Union européenne*, *op cit*., p. 182 *et seq*.

[44] Tali projbizzjoni tirriżulta mill-projbizzjoni, li tinsab fl-Artikolu 36 tar-Regolament Nru 44/2001, ta' kull reviżjoni fil-mertu tas-sentenza barranija.

[45] Sentenzi tat-30 ta' Novembru 1976, de Wolf (42/76, EU:C:1976:168, punt 10) u tat-8 ta' Diċembru 1987, Gubisch Maschinenfabrik (144/86, iktar 'il quddiem is-"sentenza Gubisch", EU:C:1987:528, punt 9).

fit-tieni lok biex tirrinunzja l-ġurisdizzjoni favur l-ewwel qorti adita. Minn dan hija ddeduċiet li l-imsemmija dispożizzjonijiet juru x-xewqa li jiġi evitat li l-qrati taż-żewġ Stati kontraenti jiddeċiedu rispettivament fuq l-istess tilwima unika [46].

82. Barra minn hekk, kif iddeċidiet essenzjalment il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-*lis pendens* huma intiżi li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji billi jipprevjenu r-riskju ta' rifjut ta' rikonoxximent tad-deċiżjoni mogħtija fl-Istat tal-oriġini minħabba l-inkompatibbiltà ta' din id-deċiżjoni ma' deċiżjoni mogħtija bejn l-istess partijiet fi Stat Membru ieħor [47].

83. F'dan ir-rigward, infakkar li fost il-motivi ta' rifjut ta' rikonoxximent imsemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 44/2001, hemm, minn naħa, l-irrikonċiljabbiltà ma' deċiżjoni bejn l-istess partijiet mogħtija fl-Istat Membru indirizzat [48] u, min-naħa l-oħra, l-irrikonċiljabbiltà ma' deċiżjoni preċedenti mogħtija fi Stat Membru ieħor [49].

84. Dan l-għan, kif ukoll l-impossibbiltà li mill-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali differenti tiġi dedotta tifsira komuni tal-*lis pendens* [50], wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tislet interpretazzjoni awtonoma tal-kunċetti ta' "identiċità tal-partijiet", tal-"kawża" u tas-"suġġett" [51].

85. Dan premess, ir-regoli li jirregolaw il-*lis pendens* u r-rifjut ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni ġudizzjarja ma jkoprux l-ipoteżi speċifika msemmija fl-Artikolu 33(3) tar-Regolament Nru 44/2001.

86. Fil-fatt, għalkemm il-*lis pendens* hija intiża li tipprevjeni li jkun hemm deċiżjonijiet kuntrarji u, għaldaqstant, każijiet fejn l-eċċezzjoni ta' *res judicata* tkun tista' tiġi invokata, jeżistu sitwazzjonijiet fejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament ma jkunux applikabbli, jew minħabba l-ommissjoni tal-applikazzjoni ta' dan it-test mill-qorti adita fit-tieni lok, inkella minħabba li, fl-assenza ta' proċeduri paralleli, il-*lis pendens* ma setgħetx tiġi invokata b'mod utli.

87. Bl-istess mod, ir-rifjut ta' rikonoxximent japplika biss fil-każ fejn peress li l-eċċezzjoni ta' *res judicata* ma tkunx ġiet invokata qabel matul it-tieni istanza, żewġ deċiżjonijiet, li jkunu effettivament ingħataw, ikunu irrikonċiljabbli.

[46] Sentenza tat-30 ta' Novembru 1976, de Wolf (42/76, EU:C:1976:168, punti 11 u 12).

[47] Sentenza Gubisch, punti 8 u 18.

[48] Punt 3 tal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 44/2001.

[49] Skont il-punt 4 tal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 44/2001, id-deċiżjoni ġudizzjarja ma tiġix irrikonoxxuta jekk tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija qabel fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz bejn l-istess partijiet f'tilwima li għandha l-istess suġġett u l-istess kawża, basta li dik is-sentenza mogħtija iktar kmieni tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru indirizzat. Il-kunċetti ta' "kawża" u ta' "suġġett" imsemmija f'dan l-artikolu għandhom jirċievu l-istess interpretazzjoni bħal dik mogħtija fil-qasam ta' *lis pendens*. Ara, fuq dan il-punt Gaudemet-Tallon, H., u Ancel, M.-É., *Compétence et exécution des jugements en Europe*, *op cit.*, p. 645; Requejo Isidro, M., *Brussels I Bis: A Commentary on Regulation (EU) Nru 1215/2012*, *op cit.*, p. 661 u Dickinson, A., Lein, E., u James A., *The Brussels I Regulation Recast*, *op cit.*, paragrafu 13.366.

[50] Nosserva, f'dan ir-rigward, li l-kliem "kawża" u "suġġett" ma jinsabux f'diversi mill-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 44/2001. Il-verżjoni Ingliża, Ġermaniża u Estonjana jużaw rispettivament it-termini "same cause of action", "desselben Anspruchs" u "hagide põhjal menetlusi". Dawn id-differenzi jirriflettu l-pluralità ta' approċċ tal-kunċett ta' "*lis pendens*" mid-diversi ordinamenti ġuridiċi nazzjonali.

[51] Sentenza Gubisch, punti 10 u 11.

88. Il-każ imsemmi fl-Artikolu 33(3) tar-Regolament Nru 44/2001 jikkorrispondi għal sitwazzjoni kemm intermedjarja kif ukoll awtonoma fejn ir-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija fl-ewwel Stat Membru jiġi invokat b'mod inċidentali biex iwaqqaf talbiet ippreżentati fil-kuntest ta' istanza ppreżentata quddiem il-qorti tat-tieni Stat Membru.

89. F'dak il-każ, il-qorti li quddiemha l-eċċezzjoni ta' *res judicata* tiġi invokata, għandu jkollha kriterji ta' paragun sempliċi li jippermettulha tiddeċiedi fuq l-ammissibbiltà tat-talbiet li tkun adita bihom. Minn din il-perspettiva, l-element ċentrali ta' dan il-paragun huwa magħmul mill-identiċità bejn il-materji kontenzjużi deċiżi bid-deċiżjoni ġudizzjarja li toħroġ mill-Istat Membru tal-oriġini u dawk ippreżentati quddiem il-qorti tal-Istat Membru l-ieħor. Issa, meħud kont tal-għan komuni tal-mekkaniżmi li għadni kif semmejt, tali identiċità tippreżumi loġikament konnessjoni bejn il-partijiet, il-kawża u s-suġġett inkwistjoni f'kull waħda mill-proċeduri.

90. Barra minn hekk, it-traspożizzjoni tal-kriterju ta' identiċità tal-partijiet, tal-kawża u tas-suġġett applikabbli għal-*lis pendens* jidhirli li huwa xieraq biex jipprovdi lill-qorti nazzjonali strument iddefinit mid-dritt tal-Unjoni[52] li jirrifletti n-neċessità li jiġi evitat kull tiġdid tal-proċeduri kontenzjużi diġà deċiżi minn qorti oħra tal-Unjoni.

91. Dan premess, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li dan il-kriterju għandu l-għan uniku li jippermetti lill-qorti li tivverifika jekk ir-rikors li hija adita bih ġiex diġà deċiż minn qorti ta' Stat Membru, b'mod li l-implimentazzjoni tiegħu ma tistax taffettwa l-effetti tar-rikonoxximent li jaqgħu taħt sistema distinta.

92. Fi kliem ieħor, nikkunsidra li għalkemm l-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tat-talbiet ippreżentati quddiem il-qorti ta' Stat Membru tippreżupponi paragun ibbażat fuq l-identiċità tal-partijiet, tal-kawża u tas-suġġett, l-effetti li joħroġu mid-deċiżjoni ġudizzjarja inizjali, li r-rikonoxximent tagħha tiġi invokata b'mod inċidentali, għandhom, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ikunu dejjem stabbiliti biss fid-dawl tal-liġi tal-Istat ta' oriġini.

93. Fil-fehma tiegħi, dawn iż-żewġ soluzzjonijiet huma konnessi b'mod koerenti. Fil-fatt, nikkunsidra li dan l-approċċ komparattiv huwa tali li jippreżerva l-awtorità u l-effettività li minnhom tibbenefika deċiżjoni fl-Istat Membru fejn din tkun ingħatat billi jeskludi kull possibbiltà li din tiġi kkontestata b'rikors ippreżentat fit-tieni Stat Membru.

94. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, jidhirli li jeħtieġ li jiġu eżaminati d-domandi kif irriformulati billi tiġi trasposta, fid-dawl tar-regoli li jirregolaw ir-rikonoxximent, l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "kawża" u ta' "suġġett" misluta mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-applikazzjoni tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 44/2001.

[52] Dan l-approċċ awtonomu jidher li huwa iktar u iktar meħtieġ peress li, minħabba d-diverġenza fl-approċċ bejn id-drittijiet interni, il-qrati nazzjonali għandhom ikollhom strument ta' paragun omoġeneu.

b) Fuq l-identiċità tal-kawża u tas-suġġett

95. Għal dak li jirrigwarda l-identiċità tal-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, skont ir-regoli li jirregolaw il-*lis pendens*, din il-kundizzjoni tkun issodisfatta meta t-tilwim li fihom ikunu involuti l-partijiet ikunu bbażati fuq l-istess rapport kuntrattwali [53]. Filwaqt li tieħu approċċ iktar ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-"kawża" bħala li tinkludi l-fatti u r-regoli legali invokata bħala bażi għat-talba [54].

96. Fid-dawl ta' din id-definizzjoni, jidhirli li ma hemmx dubju li t-talbiet deċiżi mill-Employment Tribunal (it-Tribunal Britanniku) u dawk ippreżentati quddiem il-qrati Franċiżi għandhom l-istess kawża peress li għandhom il-bażi fattwali tagħhom fit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg li jorbot lill-partijiet u l-bażi legali tagħhom fl-obbligi li joħorġu minn dan il-kuntratt.

97. Għal dak li jirrigwarda l-identiċità tas-suġġett fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 44/2001, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel iddeċidiet li din ma tistax tkun limitata għall-identiċità formali taż-żewġ talbiet [55].

98. F'dan ir-rigward, hija sostniet li fil-każ ta' kuntratt ta' bejgħ internazzjonali ta' oġġetti mobbli, it-talba għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt għandha bħala għan li tirrendih effettiv u li t-talba għall-annullament u x-xoljiment għandha preċiżament l-għan li tneħħilu kull effettività. Minn dan hija ddeduċiet li peress li s-saħħa vinkolanti tal-kuntratt tinsab għaldaqstant fiċ-ċentru taż-żewġ tilwimiet, dawn it-talbiet kienu bbażati fuq l-istess suġġett [56].

99. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat imbagħad li s-suġġett jikkonsisti fl-għan tat-talba, peress li l-kunċett ta' "suġġett" ma setax ikun limitat għall-identiċità formali taż-żewġ talbiet, u li jeħtieġ, f'dan ir-rigward, li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pretensjonijiet rispettivi tar-rikorrenti f'kull tilwima [57]. Meħud kont ta' tali tifsira, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li dan il-kunċett għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' [58].

100. Fuq il-bażi ta' din id-definizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet approċċ loġiku tal-kunċett ta' "suġġett" [59]. Hija kkunsidrat għaldaqstant li talba li hija intiża biex jiġi deċiż li l-konvenut huwa responsabbli għad-dannu u biex dan jiġi kkundannat iħallas id-danni għandha l-istess kawża u

[53] Sentenza Gubisch, punt 15. F'dan il-każ, it-tilwim kien jirrigwarda l-istess kuntratt ta' bejgħ internazzjonali ta' oġġetti mobbli.

[54] Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Merck (C-231/16, EU:C:2017:771, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fuq il-bażi ta' din id-definizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, pereżempju, li t-talbiet imressqa fuq il-bażi ta' kuntratti ta' trasport distinti imma li huma fformulati f'termini identiċi li jirrigwardaw l-istess merkanzija ttrasportata bl-ingrossa u ddaneġġjata fl-istess ċirkustanzi. Ara wkoll, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1994, Tatry (C-406/92, EU:C:1994:400, punt 40).

[55] Sentenza Gubisch, punt 17

[56] Sentenza Gubisch, punt 16. Din is-soluzzjoni, madankollu, ġiet ikkritikata fid-dottrina, b'mod partikolari minħabba li l-azzjonijiet għan-nullità u għall-eżekuzzjoni ta' ftehim għandhom suġġetti fundamentalment differenti u li l-użu tal-kunċett ta' "saħħa vinkolanti" jista' jkollu bħala konsegwenza li jżomm sitwazzjoni ta' *lis pendens* kull darba li żewġ talbiet jirrigwardaw l-istess kuntratt. Ara, fuq dan il-punt, Gaudemet-Tallon, H. u Ancel, M.-É., *Compétence et exécution des jugements en Europe*, *op.cit.*, p. 353.

[57] Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Merck, (C-231/16, EU:C:2017:771, punti 39 u 41 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pretensjonijiet tar-rikorrenti rispettivi, bl-esklużjoni tal-motivi ta' difiża mqajma mill-konvenut. Ara s-sentenza tat-8 ta' Mejju 2003, Gantner Electronic (C-111/01, EU:C:2003:257, punt 32). Iktar reċenti, il-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet fakkret illi talba rikonvenzjonali ma għandhiex tiġi konfuża ma' sempliċi motiv ta' difiża. Ara s-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2022, Gemeinde Bodman-Ludwigshafen (C-256/21, EU:C:2022:786, punt 38).

[58] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, Aannemingsbedrijf Aertssen u Aertssen Terrassements (C-523/14, EU:C:2015:722, punt 45).

[59] Jidhirli li, f'dan ir-rigward, ma humiex rilevanti s-sentenzi li permezz tagħhom, wara li fakkret id-definizzjoni tas-suġġett fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 44/2001, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat l-identiċità tas-suġġett fid-dawl tar-regoli ta' *lis pendens* li joħorġu minn strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni. Dan huwa partikolarment il-każ tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Merck (C-231/16, EU:C:2017:771), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fuq l-identiċità tal-azzjonijiet fuq il-bażi ta' trade marks tal-Unjoni u ta' trade marks nazzjonali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 109(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1).

l-istess suġġett bħal talba preċedenti ta' dan il-konvenut intiża li jiġi deċiż li huwa ma kienx responsabbli għall-imsemmi dannu [60]. L-istess japplika, *a fortiori*, meta t-talbiet ikunu intiżi għall-kumpens tal-istess dannu [61]. Min-naħa l-oħra, hija ċaħdet l-identiċità tas-suġġett fil-każ ta' talbiet li waħda minnhom tkun intiża sabiex il-konvenut ikun iddikjarat responsabbli, filwaqt li l-oħra tkun intiża li tillimita l-ammont tad-danni fil-każ fejn din ir-responsabbiltà tkun ġiet ikkonstatata [62].

101. Minn dawn l-eżempji jirriżulta li, fil-kuntest ta' tifsira wiesgħa tal-kunċett ta' "suġġett", il-Qorti tal-Ġustizzja tanalizza l-għan tat-talbiet fid-dawl tal-effetti potenzjali tad-deċiżjonijiet li għandhom jingħataw sabiex tipprevjeni kull riskju ta' inkompatibbiltà bejn id-deċiżjonijiet mogħtija fiż-żewġ Stati Membri.

102. Dan premess, jeħtieġ li tiġi trasposta din id-definizzjoni tal-identiċità tas-suġġett għar-regoli li jirregolaw ir-rikonoxximent. Għal dan il-għan, nosserva li l-*lis pendens* tippreżupponi li jiġu aditi żewġ qrati indikati bħala li għandhom ġurisdizzjoni mir-Regolament Nru 44/2001. F'tali kuntest fejn żewġ proċeduri jitmexxew b'mod parallel, huwa loġiku li wieħed jifhem l-għanijiet tat-talbiet li jkunu pendenti simultanjament.

103. Fil-każ fejn ir-rikonoxximent jiġi invokat minħabba l-eċċezzjoni ta' *res judicata*, jeħtieġ essenzjalment li jiġi vverifikat li t-talbiet imressqa quddiem qorti tat-tieni Stat Membru ma jikkoinċidux mar-*res* deċiża preċedentement fl-ewwel Stat Membru.

104. Fil-fehma tiegħi, tali sitwazzjoni timplika li jiġi ddeterminat jekk ir-riżultat li r-rikorrent jimmira li jilħaq bil-preżentata ta' azzjoni ġdida ma jkunx, anki b'mod potenzjali, kontra l-kontenut tal-kontestazzjoni deċiża bid-deċiżjoni inizjali.

105. Minn dan jirriżulta li, fil-kuntest tar-rikonoxximent b'mod inċidentali, l-istħarriġ tal-identiċità tas-suġġett għandu jsir fuq il-bażi ta' paragun strett bejn, minn naħa, it-talbiet imressqa quddiem il-qorti tal-ewwel Stat Membri u deċiżi minnha u, min-naħa l-oħra, il-kontenut u l-iskop tat-talbiet imressqa waqt l-istanza ppreżentata quddiem it-tieni Stat Membru.

106. Fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, jidhirli li, fil-prinċipju, ma hemmx identiċità tas-suġġett bejn l-azzjonijiet li jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg u dawk li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' impjieg. Fil-fatt, il-kontestazzjoni li tirrigwarda t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg u l-konsegwenzi finanzjarji tiegħu deċiżi minn qorti ta' Stat Membru ma taffettwax it-talbiet intiżi għall-ħlas tal-ammonti dovuti skont dan il-kuntratt minħabba l-eżekuzzjoni tat-twettiq tax-xogħol.

107. Dan premess, tali nuqqas ta' qbil tas-suġġett bl-ebda mod ma jippreġudika l-obbligu li għandha l-qorti tat-tieni Stat Membru li tieħu inkunsiderazzjoni, meta tiddeċiedi fil-mertu, l-effetti li joħorġu mid-deċiżjoni mogħtija fl-ewwel Stat Membru. Għaldaqstant, f'sitwazzjoni bħalma hija dik tal-kawża prinċipali, il-qorti adita bit-talbiet għall-ħlas tar-remunerazzjonijiet

[60] Sentenza tas-6 ta' Diċembru 1994, Tatry (C-406/92, EU:C:1994:400, punt 45). Ara, f'dan l-istess sens, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2012, Folien Fischer u Fofitec (C-133/11, EU:C:2012:664, punt 49), u tad-19 ta' Diċembru 2013, Nipponka Insurance (C-452/12, EU:C:2013:858, punt 42).

[61] Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, Aannemingsbedrijf Aertssen u Aertssen Terrassements (C-523/14, EU:C:2015:722, punt 46).

[62] Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2004, Mærsk Olie & Gas (C-39/02, EU:C:2004:615, punt 35).

minħabba l-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' impjieg tkun obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-eventwali implikazzjonijiet tad-deċiżjoni inizjali fuq il-pretensjonijiet tar-rikorrent fir-rigward tas-salarju [63].

108. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni u t-tielet domanda, kif irriformulati, li l-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament Nru 44/2001 għandhom jiġu interpretati fis-sens li fil-każ fejn ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fl-ewwel Stat Membru tiġi invokata b'mod inċidentali quddiem il-qorti tat-tieni Stat Membru, l-azzjonijiet ibbażati fuq l-istess kuntratt ta' impjieg u li jirrigwardaw, uħud minnhom, l-obbligi li jitwieldu mill-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, u l-oħrajn, l-obbligi li jitwieldu mit-terminazzjoni tal-istess kuntratt għandhom l-istess kawża iżda ma għandhomx l-istess suġġett.

VI. Konklużjoni

109. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li tingħata risposta għad-domandi preliminari magħmula mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) bil-mod kif ġej:

1) L-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni ġudizzjarja mogħtija fi Stat Membru, li l-liġi tiegħu tipprevedi regola dwar konċentrazzjoni tat-talbiet li tipprojbixxi lill-istess partijiet milli jressqu azzjoni ġdida li tirrigwarda l-pretensjonijiet li setgħu jitressqu fl-istanza inizjali, ma jipprekludix, anki fiċ-ċirkustanza fejn id-dritt tal-Istat Membru li fih jiġi invokat ir-rikonoxximent jipprevedi obbligu simili ta' konċentrazzjoni tat-talbiet, li l-qorti ta' dan it-tieni Stat tiddeċiedi fuq tali pretensjonijiet.

2) L-Artikoli 33 u 36 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   fil-każ fejn ir-rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fl-ewwel Stat Membru tiġi invokata b'mod inċidentali quddiem qorti tat-tieni Stat Membru, l-azzjonijiet ibbażati fuq l-istess kuntratt ta' impjieg u li jirrigwardaw, uħud minnhom, l-obbligi li jitwieldu mill-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, u l-oħrajn, l-obbligi li jitwieldu mit-terminazzjoni tal-istess kuntratt għandhom l-istess kawża iżda ma għandhomx l-istess suġġett.

[63] Dan ikun il-każ tad-determinazzjoni, skont il-liġi tal-Istat tal-oriġini, permezz tad-deċiżjoni inizjali tad-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg, li tkun tista' jkollha effett fuq tmiem il-perijodu li fih tkun dovuta r-remunerazzjoni.